# QORTI TA' L-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT
## ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.
## ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 13 ta' Lulju, 2001

**Numru 12**

**Cit. Nru. 553/99 NA**

**Three Barrels Limited**

**vs**

**Joan Schembri mart Martin Schembri bhala amministratrici tal-komunjoni ta' l-akkwisti u ghan-nom tad-ditta RRS Goldrush Enterprises**

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

Fl-10 ta' Dicembru, 1999, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ppronunzjat is-segwenti sentenza f'kawza promossa bil-procedura sommarja specjali fit-termini ta' l-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

“Il-Qorti,

Rat l-atti tac-citazzjoni tas-socjeta’ attrici fejn ippremettiet:

Illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, erba’ mija erbgha u hamsin liri Maltin u tnejn u erbghin centezmi (LM1,454.42) import ta’ merkanzija konsistenti f’juices u xorb iehor mibjugha lir-ragel taghha, Martin Schembri ezercenti l-kummerc bl-isem RRS Goldrush Enterprises, u debitament konsenjata kif jirrizulta minn ghadd ta’ invoices hawn annessi u mmarkati Dok. A sa E; u

Illi l-konvenuta, ghalkemm debitament interpellata biex thallas id-dejn taghha mas-socjeta’ attrici, baqghet inadempjenti; u

Illi l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici huwa veru, likwidu u cert, u fil-fehma tas-socjeta’ attrici, il-konvenuta m’ghandhiex eccezzjonijiet validi x’topponi kontra t-talba attrici;

Is-socjeta’ attrici talbet li din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smiegh a tenur ta’ l-artikolu 167 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta); u

2. tikkundanna l-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, erba’ mija erbgha u hamsin liri Maltin u tnejn u erbghin centezmi (Lm1,454.42) import ta’ merkanzija konsistenti f’juices u xorb iehor mibjugha lir-ragel taghha Martin Schembri ezercenti l-kummerc bl-isem RRS Goldrush Enterprises, u debitament konsenjata kif jirrizulta minn ghadd ta’ invoicces hawn annessi u mmarkati Dok A sa E.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-8 ta’ Frar, 1999, u bl-imghaxijiet kummercjali mid-dati ta’ l-invoices kontra l-konvenuta.

Rat l-affidavit tas-socjeta’ attrici u d-dokumenti l-ohra;

Rt li l-konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mil-ligi meta ssejhet il-kawza ma dehritx;

Rat li l-konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mil-ligi meta ssejjhet il-kawza ma dehritx. Rat ukoll id-digriet ta’ llum stess fejn gie ordnat l-isfilz tan-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta billi din mhux konformi mal-ligi;

> Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata llum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura ta' l-artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;
>
> Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, kif dedotta fic-citazzjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenuta".

**<u>Appell</u>**

Il-konvenuta appellat minn din is-sentenza b'aggravju procedurali li jikkontesta l-mod ta' notifika, it-tkomplija tas-smiegh tal-kawza skond kif dispost fl-artikolu 167, inkwantu ma gewx osservati d-dettami tal-ligi fl-artikolu 169 tal-Kap 12 li jesigi li meta d-disposizzjonijiet ta' l-ewwel parti ta' l-istess artikolu ma jigux osservati, cioe' li citazzjoni ma tkunx notifikata lill-konvenut minghajr dewmien, kif fil-fatt kien gara f'dan il-kaz u l-Qorti kellha taghti "dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa biex id-drittijiet tal-partijiet ma jigux ippregudikati", u wkoll ghaliex ilmentat li l-ewwel Qorti kienet ordnat l-isfilz tan-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha, meta kienet fil-fatt iggustifikat is-suppost kontumacja taghha.

Fl-ewwel dehra quddiem din il-Qorti giet sollevata l-kwistjoni dwar ir-regolarita' ta' procedura tan-notifika ta' l-Att tac-citazzjoni lill-konvenuta bil-procedura ta' l-affissjoni li kienet giet awtorizzata mill-ewwel Qorti. Gie kontestat li l-procedura ma saritx kif kellha ssir, u konsegwentement, li l-process kollu kien irritwali u null. Il-kawza thalliet

ghal-lum ghad-decizjoni dwar dan l-aggravju implicitu fir-rikors ta' l-appell u elaborat fit-trattazjoni quddiem din il-Qorti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Mill-atti processwali jirrizulta li wara diversi tentattivi inutili biex jigi notifikat il-konvenut gie registrat fil-verbal tal-11 ta' Ottubru, 1999, li fuq talba ta' l-attur il-Qorti ordnat li n-notifika ssir permezz ta' affissjoni u pubbilkazzjoni ai termini ta' l-artikolu 187 (3) tal-Kap 12. Dan is-subinciz hekk jiddisponi:-

> "Jekk mir-riferta ta' l-ufficjal inkarigat min-notifika ta' skrittura jew att gudizzjarju jinstab li l-persuna li ghandha tigi notifikata bl-iskrittura jew l-att, ghalkemm ma tirrizultax li qeghda barra minn Malta id-dhul fil-post tar-residenza taghha ma jkunx jista' jsir, jew il-post tar-residenza taghha ma jkunx maghruf, il-Qorti tista' tordna li n-notifika ssir billi titwahhal kopja ta' l-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwahhlu l-atti ufficjali, u (sottolinejar ta' din il-Qorti) billi dik l-iskrittura jew att jinhargu fil-qosor fil-Gazzetta u f'gurnata kuljum wiehed jew iktar minn wiehed, skond kif il-Qorti tiddeciedi u meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza ikun maghruf, billi titwahhal kopja ta' l-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza. Il-Qorti tista' wkoll tiehu dawk il-mizuri ohra li jkunu jidhrulha xierqa sabiex l-iskrittura jew l-att issir taf bihom il-persuna li lilha ghandhom ikunu notifikati........"

Dan l-artikolu jimponi tassattivament minimu ta' tlett elementi biex jigi assigurat in-notifika ta' att bil-procedura hekk imsejjha "tal-pubblikazzjoni" jew "ta' l-affissjoni".

(a) Il-Qorti tista' tordna li notifika ssir billi titwahhal kopja ta' l-att fil-post fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwahhlu l-atti ufficjali;

(b) illi dik l-iskrittura jew att jinhargu fil-qosor fil-Gazzetta;

(c) illi l-iskrittura jew att jinhargu f'gurnal ta' kuljum, wiehed jew aktar minn wiehed, skond kif il-Qorti tiddeciedi.

Dawn it-tlett modalitajiet kif l-iskrittura jew l-att kellhom jingiebu a konjizzjoni tal-persuna notifikanda kellhom jigu attwati t-tlieta flimkien, u f'dan ir-rigward il-konguntiv "u" ghandu jinghata l-piz shih tieghu. Ma' dawn it-tlett rekwiziti ghan-notifika valida permezz ta' din il-procedura kellu jizdied rekwizit iehor, ukoll mehtieg ad validitatem, "meta jkun possibbli jekk il-post ta' residenza jkun maghruf ", illi titwahhad kopja ta' l-iskrittura jew att mal-bieb ta' dik ir-residenza. Jekk ma jigix provat illi jkun sar dak li l-ligi tesigi bhala minimu ghal notifika valida fit-termini tas-subinciz 3 ta' l-artikolu 187, tali notifika kellha titqies li kienet irritwali u bla effett fil-ligi.

Issa fil-kaz taht ezami l-ordni tal-Qorti kienet semplicement li n-notifika ssir "permezz ta' affissjoni u pubblikazzjoni ai termini ta' l-artikolu 187 (3) tal-Kap 12". Il-Qorti ma tat l-ebda direttiva addizzjonali fit-termini tad-diskrezzjoni li hi kellha fl-istess subinciz, pero' kjarament in-notifika

kellha timporta l-ezekuzzjoni tat-tlett elementi bazici sine qua non, fuq registrati, u f'kaz li jkun possibbli jekk il-post ta' residenza ikun maghruf, anke it-twahhil tal-kopja ta' l-iskrittura jew l-att mal-bieb ta' dik ir-residenza.

Issa mill-Atti processwali jirrizulta s-segwenti:-

(a) twahhal kopja ta' l-att l-Ghassa tal-Pulizija ta' tas-Sliema, u dan jissodisfa l-ewwel rekwizit;

(b) gie pubblikat estratt ta' l-att ta' citazzjoni biex iservi ta' notifika skond l-artikolu 187 (3) tal-Kap 12 fil-karga tal-Gazzetta tal-Gvern tad-9 ta' Novembru, 1999, u dan jissodisfa it-tieni element;

(c) giet imwahhla kopja ta' l-att mar-residenza maghrufa tal-konvenuta fid-19 ta' Ottubru, 1999, u dan jissodisfa r-raba rekwizit;

(d) Ma jirrizultax mill-atti li gie pubblikat estratt ta' l-att f'gurnal ta' kuljum wiehed jew iktar minn wiehed, skond kif il-Qorti tiddeciedi. Dan ir-rekwizit ma jirrizultax li gie sodisfatt. Infatti l-fatt li l-Qorti ma tatx direttiva li l-publikazzjoni f'gurnal lokali kellha tkun f'aktar minn gurnal wiehed ifisser li l-pubblikazzjoni ta' l-att kellha bil-fors issir almenu f'gurnal wiehed. Pubblikazzjoni li, kif inghad, ma jirrizultax li saret. Ma

tirrizulta nfatti l-ebda prova fl-atti li tali pubblikazzjoni saret u, sa fejn tista' tara din il-Qorti, lanqas thallset it-tariffa mehtiega ghal dan il-fini, u jirrizulta biss il-hlas taz-zieda ghall-fini ta' l-affissjoni u l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern. F'kull kaz il-prova tal-pubblikazzjoni f'gurnal lokali kellha tirrizulta mill-atti.

Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li n-notifika ta' l-att tac-citazzjoni ordnata mill-ewwel Qorti permezz tal-procedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni, kienet irritwali. Konsegwentement l-ewwel Qorti ma kienetx korretta meta kkonkludiet li l-konvenuta kienet kontumaci nkwantu ghalkemm "debitament notifikata meta ssejjhet ma dehritx". Il-process kollu kien allura inficjat u s-sentenza appellata kellha tigi annullata.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh, is-sentenza appellata revokata. L-atti qed jigu rimessi lill-ewwel Qorti biex din tipprocedi bs-smiegh taghha wara li l-att tac-citazzjoni jigi sewwa u ritwalment notifikat lill-konvenuta appellanti. L-ispejjez ta' dan l-incident kellhom ikunu kollha a karigu ta' l-attur appellat.

Dep/Reg

mm